# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU.  2065

Każ Nru 2762/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Norman Mayo

u

SL Ship Management Co. Ltd

Data: 13  ta' April 2011

**Chairman:   Franco Masini**

## 1.   Introduzzjoni

Dan il-każ ġie ntavolat permezz ta'  rikors magħmul mill-Avukati David Camilleri u Yanika Bugeja fis-16 ta' Marzu 2010 li permezz tiegħu allegaw li Norman Mayo kien ġie illiċenzjat mill-impieg tiegħu ma' SL Ship Management Co. Ltd  fl-4 ta' Frar 2010  mingħajr raġuni valida.  Is-soċjetà ntimata li kienet rappreżentata minn Elio Desira assistit mill-Avukat Andrew Borg Cardona tiċħad dan. Inżammu  seba' seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu  78(1)  tal-Kap 452 irid jingħad illi minħabba d-differimenti li ngħataw kif ukoll minħabba nuqqas ta' infrastruttura  adegwata ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar kif jesiġi l-istess Kap.

## **2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jgħid li Elio Desira, uffiċjal għoli tas-Soċjetà Ntimata, kien qabad miegħu wara li kienet ġiet estiża l-*probation* tiegħu u wara xi nċident li nqala' huwa ġie liċenżjat mill-istess Desira. Is-Soċjetà Ntimata tgħid illi l-inċident li rriżulta fi tkeċċija sommarja, kien preċedut minn diversi twissijiet dwar il-komportament tiegħu.

## **3. Konsiderazzjonijiet**

Irriżulta waqt is-smiegħ tal-każ illi r-Rikorrent ma kienx idoneu għax xogħol li kien jagħmel għaliex ma kellux esperjenza fuq xogħol marittimu. Irid jingħad illi s-Soċjetà Ntimata meta ġiet biex timpjega lir-Rikorrent kienet taf li l-ebda wieħed minn dawk li applikaw għal dan ix-xogħol, inkluż ir-Rikorrent, ma kellu esperjenza marittima (mix-xhieda ta' Anthony Cachia 30 ta' Ġunju 2010 fol. 4). Għaldaqstant minħabba *culpa in eligendo* s-Soċjetà Ntimata ma tistax tkun kompletament ħielsa minn ċertu tort. Iżda wieħed bilfors irid jeżamina l-komportament tar-Rikorrent biex jifhem kif dan kien qabel ma ġara l-inċident li wassal għat-tkeċċija tiegħu. Ix-xhieda ta' Anthony Cachia hija kruċjali għal dan għax dan ix-xhud ma kienx imdaħħal direttament fil-kwistjonijiet li kienu jinqalgħu bejn ir-Rikorrent u s-superjur tiegħu. Għalhekk kemm minħabba kredibilità kif ukoll imparzjalità għandu piż kbir fuq dak li ġara waqt il-ħajja qasira lavorattiva tar-Rikorrent mas-Soċjetà Ntimata. Jidher li l-problemi tar-Rikorrent ma kienux limitati biss għan-nuqqas ta' esperjenza marittima. Skond Cachia (seduta 30 ta' Ġunju 2010 fol. 11) r-Rikorrent kien indeċiż biex jieħu deċiżjoni u kien nieqes minn ċerti *management skills*. Jgħid ukoll li darbtejn iddiżappuntah u jagħti dettalji ta' żewġ okkażjonijiet fejn ir-Rikorrrent naqas li jagħmel id-doveri tiegħu bir-riżultat li s-*surveyor* ma setax ikompli ix-xogħolu. Jiddeskrivihom bħala li "kienu naqra kritiċi" (fol.8). Dawn ċertament ma jistgħux ikunu riżultat ta' nuqqas ta' esperjenza marittima iżda traskuraġni jekk mhux agħar. In kontroeżami jgħid li wara sena l-*output* tiegħu "ma kienx impruvja biżżejjed" (fol. 25). Dana kollu fi sfond ta' diversi twissijiet li r-Rikorrent kien irċieva minn għand Desira li kien jgħidlu li "tista titkeċċa" (fol.32) għad li r-Rikorrent jgħid li bil-miktub waħda biss irċieva. Il-fatt li r-Rikorrent ma tkeċċiex waqt il-perijodu ta' *probation* irid jiġi nterpretat fuq sfond ta' relazzjoni tajba li jidher li kellu mas-Sur Joseph Falzon, Direttur tas-Soċjetà Ntimata. Meta f'okkażjoni preċedenti r-Rikorrent kien tefa' r-riżenja s-Sur Falzon ma kienx aċċettajielu. Anke saħansidra wara t-tkeċċija tiegħu r-Rikorrent ġie offrut xogħol ieħor mis-Sur Falzon bħala skrivan (*Statement of case* tar-Rikorrent l-aħħar paragrafu). L-inċident li wassal għat-tkeċċija tar-Rikorrent kien jikkonsisti fi kliem ta' nsubordinazzjoni lejn is-superjur tiegħu. Dan huwa ammess mir-Rikorrent stess li jgħid li forsi kien xi ftit "mgerfex" għax kien għadu kif miet ħabib tiegħu (seduta 20 ta' Ottubru 2010 fol.19). It-Tribunal jara f'dan l-inċident mhux biss att ta' nsubordinazzjoni iżda magħdud mat-twissijiet preċedenti li ngħata kien jammonta għal raġuni tajba u suffiċjenti biex ir-Rikorrent jiġi liċenzjat.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenzjament tar-Rikorrent Norman Mayo minn mas-Soċjetà Ntimata SL Ship Management Co. Ltd kienet għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-Każ.

## 5. Drittijet

Ai termini ta' l-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

Ghas-Segretarju